# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Novembru 2015**

**Numru**

**Rikors numru 71/13 JA**

**Carmel Saliba**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment dwar l-eċċezzjoni ta' rikuża sollevata mill-akkużat appellat Carmel Saliba permezz tal-avukati tiegħu l-Avukati Dr Stephen Tonna Lowell u Dr Giannella Demarco fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2015 fir-rigward tal-President ta' din il-Qorti liema eċċezzjoni, skont l-Artikolu 738(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jeħtieġ li tiġi deċiża minn din il-Qorti kolleġġjalment.

**2.** Ir-raġuni li f'dik is-seduta ingħatat għar-rikuża msemmija hi "peress li l-kawża tallum hija konsegwenza ta' sentenza li ingħatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri li fiha ppresjeda l-istess President fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Saliba' deċiża fis-sede tal-Appell fit-2 ta' Mejju 2013".

**3.** Ma saret ebda riferenza għall-artikolu relevanti tal-liġi li jagħti lok għar-rikuża sollevata iżda l-Qorti tifhem li l-artikolu relevanti huwa l-Artikolu 734(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Iżda anqas saret riferenza għall-inċiż tal-istess dispożizzjoni li qiegħed jiġi invokat mill-akkużat appellat u bħala tali ir-raġuni dedotta u kif impostata minnu ma tinkwadra f'ebda wieħed mill-inċiżi msemmija peress li ebda wieħed minn dawk l-inċiżi ma jipprovdi li ġudikant jista' jiġi rrikużat għaliex ikun qiegħed jippresjedi jew ikun membru ta' Qorti li quddiemha tiġi kawża li tkun "konsegwenza" ta' sentenza li tkun ingħatat f'kawża oħra minn Qorti li tagħha l-ġudikant rikużat kien membru. Kieku kien hekk il-membri kollha tal-Qorti tal-Appell ikollhom jastjenu kull darba li tiġi quddiemhom kawża msejjsa fuq xi pronunzjament tal-istess Qorti. Dan il-kjarament ma hux il-każ.

**4.** Il-Qorti, tistqarr l-insodisfazzjon tagħha dwar il-mod xejn preċiż u għal kollox ekwivoku kif ta' spiss tiġi sollevata l-eċċezzjoni ta' rikuża minkejja li l-parti li tisollevha kellha l-opportunità kollha sabiex tkun tista'

tartikola l-eċċezzjoni bil-kura u attenzjoni meħtieġa u fil-kwadru tar-raġunijiet previsti mil-liġi. B'danakollu, l-Qorti eżaminat id-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 734(1) sabiex tidentifika liema mill-istess dispożizzjonijiet jista' jew jistgħu jagħtu lok għar-rikuża tal-President tal-Qorti fuq il-bażi tal-fatti allegati mill-akkużat appellat u l-Qorti hi tal-fehma li s-subinċiżi (d)(i)(ii) ta' dak l-artikolu jistgħu potenzjalment jagħmlu għall-każ u għalhekk il-Qorti ser teżamina l-istess eċċezzjoni mill-ottika ta' dawn is-subinċiżi.

**5.** L-appellat iserraħ l-eċċezzjoni tiegħu fuq il-fatt li l-President ta' din il-Qorti kien ukoll il-President tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Appell Kriminali minn eċċezzjonijiet preliminari fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Saliba" li fih huwa kien parti allura bħala l-akkużat appellant u li ġie deċiż bis-sentenza ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Mejju 2013.

**6.** Waħda mill-eċċezzjonijiet preliminari tal-akkużat f'dak l-appell, li hu wkoll l-appellat fl-appell ta' llum, kienet tgħid kif ġej:

> "L-inammissibilità tal-istqarrija magħmula lill-Pulizija (a fol. 41 et seq) tal-istqarrija magħmula fl-inkjesta maġisterjali (a fol. 121 et. seq) tal-eċċipjent u ta' kwalsiasi referenza ta' dak minnu mistqarr lil xhieda oħra in kwantu ttieħdu mingħajr ma kkonsulta ma' avukat u mingħajr ma kellu avukat preżenti waqt it-teħid tagħhom."

**7.** Din l-eċċezzjoni kienet ġiet miċħuda mill-Qorti Kriminali u fl-appell msemmi quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta allura mill-President ta' din il-Qorti, l-akkużat isolleva aggravju fil-konfront ta' dik

il-parti tas-sentenza tal-Qorti Kriminali. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet dak l-aggravju wara li għamlet riferenza għas-sentenzi riċenti ta' din il-Qorti in materja u ċċitat fit-tul minnhom[1]. Kieku dik il-Qorti ma qalitx aktar minn hekk ma kienx ikun hemm lok għar-rikuża għaliex hu preċiżament mistenni minn kull Qorti li fid-deċiżjonijiet tagħha safejn relevanti tkun iggwidata mis-sentenzi ta' din il-Qorti. Iżda l-aggravju kif impostat fl-Appell Kriminali imsemmi irrikjeda li dik il-Qorti tiddelibera dwar jekk l-użu tal-istqarrija tal-akkużat (l-appellat ta' llum) fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu kienx ser iwassal għal smigħ mhux xieraq fil-konfront ta' Carmel Saliba, l-appellat odjern, u ikkonkludiet li dan ma kienx il-każ. Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Fil-każ ta' llum din il-Qorti ma ġewx indikati lilha ebda ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilità fiż-żmien li l-appellant irrilaxxja l-istqarrija u x-xiehda in kwistjoni u li jistgħu jinduċu lil din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat meta ttieħdet l-istqarrija u ngħatat ix-xiehda l-użu ta' dik l-istqarrija u xiehda fil-kors tal-ġuri twassal għal smigħ mhux xieraq fil-konfront tal-appellant. Ma rriżultat ebda ċirkostanza li tirrendi l-istess stqarrija u xiehda inammissibbli skont il-liġi".

**8.** Issa fir-rikors promotorju tal-ġudizzju ta' llum Carmel Saliba isostni, kuntrarjament għal dak li ikkonkludiet il-Qorti tal-Appell Kriminali, li fiż-żmien relevanti huwa kien persuna vulnerabbli u jagħmel riferenza għal diversi ċirkostanzi riżultanti mill-provi miġbura fil-kumpilazzjoni in sostenn ta' dak allegat minnu u in sostenn tal-ewwel talba tiegħu sabiex

---

[1] Q. Kost. **Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali**, 8/10/2012; Q. Kost. **Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech**, 26 ta' April 2013.

jiġi dikjarat li l-istqarrijiet tiegħu ittieħdu bi ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti rriteniet li “ma hemmx dubju li r-rikorrenti huwa persuna vulnerabbli u t-teħid tal-istqarrija relattiva kisret id-drittijiet fundamentali tiegħu” u finalment laqgħet l-ewwel talba tal-akkużat appellat.

**9.** Fir-rikors tiegħu tal-appell l-Avukat Ġenerali ma hux jaqbel mas-sentenza appellata fejn irriteniet li l-appellat fiż-żmien li rrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu kienet persuna vulnerabbli u jikkontesta l-apprezzament tal-provi u l-konklużjonijiet minnha raġġunti f’dan ir-rigward.

**10.** Mill-premess, għalhekk, jirriżulta li fil-kwalità tiegħu ta’ President tal-Qorti tal-Appell Kriminali il-President ta’ din il-Qorti ġia esprima ruħu fuq parti mill-mertu ta’ dan l-appell u b’hekk jiġi li huwa “kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x’taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha” kif previst fl-Artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u kif dan l-inċiż ġia` ġie mfisser minn din il-Qorti[2].

**11.** Peress li l-premess huwa biżżejjed sabiex tintlaqa’ l-eċċezzjoni ta’ rikuża l-Qorti ma għandhiex għalfejn tindaga wkoll dwar jekk jeżistux il-presupposti tal-Artikolu 734(1)(d)(ii).

---

[2] Ara Q. Kost. **John Mary Chircop v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et**, 4/9/2007. #4.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni ta' rikuża tal-President ta' din il-Qorti sollevata fis-seduta quddiem din il-Qorti tad-19 ta' Ottubru 2015.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb